MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2012

Numru 864/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Jason F.Sultana)

**vs.**

**Amanda Camilleri**
**Donna Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **DONNA CAMILLERI**, ta’ sitta u ghoxrin (26) sena, bint Victor u Concetta nee` Caruana, imwielda l- Pieta` nhar il-5 ta’ Ottubru 1986, residenti Block 14, Bieb 1, Flat 2, Trejqet il-Ward, Santa Lucija u detentrici tal-Karta tal-Identita` bin-numru 457586(M) u ta’ **AMANDA CAMILLERI**, ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena, bint Victor u Concetta nee` Caruana, imwielda l-Pieta` nhar it-3 ta’ Gunju 1985, residenti 5, Triq Ghajn Dwieli, Sqaq Numru 2, Paola u detentrici tal-Karta tal-Identita` bin-numru 302185(M), akkuzati illi b`diversi

atti maghmulin mill-imsemmijin Amanda Camilleri u Donna Camilleri wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizuluzzjoni wahda, u cioe`

Lil **Donna Camilleri** wahedha;

1. Akkuzata talli nhar il-10 ta` Awwissu 2012 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu f'dawn il-Gzejjer, u cioé minn gewwa l-fergha tal-Bank of Valletta tal-Msida, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' Euro 400 ghad-dannu tal-Bank Of Valletta u ta' Dr. Katja Psaila Savona, detentrici tal-Karta` tal-Identita bin-numru 459571(M), u ta' persuni ohra, ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;

2. u aktar talli nhar it-13 ta' Awwissu 2012 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu f'dawn il-Gzejjer, u cioé minn gewwa l-fergha tal-Bank of Valletta tal-Gzira, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' Euro 580 ghad-dannu tal-Bank Of Valletta u ta' Dr. Katja Psaila Savona, detentrici tal-Karta` tal-Identita bin-numru 459571(M), u ta' persuni ohra, ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;

lil **Amanda Camilleri** wahidha

3. akkuzata talli nhar il-14 ta` Awwissu 2012 ghall-habta tad-disa` u nofs ta' filghodu f'dawn il-Gzejjer, u cioé minn gewwa l-fergha tal-Bank of Valletta ta` San Gwann,

b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' Euro 600 ghad-dannu tal-Bank Of Valletta u ta' Dr. Katja Psaila Savona, detentrici tal-Karta` tal-Identita bin-numru 459571(M), u ta' persuni ohra, ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;

4. u aktar talli nhar is-16 ta` Awwissu 2012 ghall-habta tad-disa` u nofs ta' filghodu f'dawn il-Gzejjer, u cioé minn gewwa l-fergha tal-Bank of Valletta ta` Hal Qormi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' Euro 1,000 ghad-dannu tal-Bank Of Valletta u ta' Dr. Katja Psaila Savona, detentrici tal-Karta` tal-Identita bin-numru 459571(M), u ta' persuni ohra, ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;

5. u aktar talli nhar is-17 ta` Awwissu 2012 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu f'dawn il-Gzejjer, u cioé minn gewwa l-fergha tal-Bank of Valletta ta` Birkirkara, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' Euro 1,000 ghad-dannu tal-Bank Of Valletta u ta' Dr. Katja Psaila Savona, detentrici tal- karta` tal- identita bin-numru 459571(M), u ta' persuni ohra, ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;

<u>fl-ahhar akkuzati flimkien</u>

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar gimghat, ghamlu falsifikazzjoni f'attijet awtentici u pubbliku, jew fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u aktar talli ghamel uzu minn dawn l-atti, kitba jew skritturi foloz, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

7. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom, liema oggetti kienu jikkonsistu f'Karta` tal-Identita` ta' Dr. Katja Psaila Savona.

8. u finalment akkuzati ukoll talli saru recedivi ai termini ta' l- Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijet ta' Malta, b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitou 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Semghet lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.
Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li, a bazi tad-dokumenti investigati, mentri l-imputata Donna Camilleri gibdet l-ammont ta' disa' mija u tmenin Euro (€ 980) ghad-

dannu ta' Dr. Katya Psaila Savona, l-imputata Amanda Camilleri gibdet l-ammont ta' elfejn u sitt mitt Euro (€ 2600) ghad-dannu ta' l-istess Dr. Katya Psaila Savona.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom f'dawn il-proceduri, id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur rigward l-investigazzjonijiet maghmula minnu, il-ko-operazzjoni tal-imputati mal-Pulizija u l-fatt li f'kaz li l-imputati jinghataw piena ta' prigunerija effettiva ma jkunux f'pozizzjoni li jhallsu l-ammont li ghandu jigi rimborsat lil Dr. Katya Psaila Savona u ghaldaqstant ikun ghaqli li l-imputati jinghataw sentenza li permezz taghha jkunu jistghu fi zmien qasir ihallsu lura dak li hu dovut u fin-nuqqas jiskontaw piena ta' prigunerija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 49, 183, 184, 289, 308, 309 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u tikkundannhom ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal erbgha snin u filwaqt li tordna lill-imputata Donna Camilleri sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum thallas is-somma ta' disa' mija u tmenin Euro (€ 980) lil Dr. Katya Psaila Savona, tordna lill-imputata Amanda Camilleri sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum thallas is-somma ta' elfejn u sitt mitt Euro (€ 2600) lil Dr. Katya Psaila Savona.

A tenur ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem car ir-responsabilita’ taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huma jikkomettu matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti spjegat ukoll lill-imputati fi kliem ordinarju x’jigri jekk, fiz-zmien moghti, ma jhallsux l-ammonti li huma gew ordnati jhallsu lil Dr. Katya Psaila Savona.

B’riferenza ghat-talba sabiex l-imputati jigu kundannati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tichad tali talba in vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-Ufficjal Prosekutur li ma gewx imqabbda ebda esperti jew periti f’dawn il-proceduri.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------